# Il - Qajzu

*Ta'* Karm. Fenech

"AJMA, ma; ajma, ma; ja kelb qasamli rasi, ajma"; hekk instama' jgħajjat tifel imlaqqam "il-Qajżu" meta waqt glieda bil-ġebel ta' bejn erbat itfal imxajtna fuq naħa u ħamest egħfiered mill-oħra, laqtuh fuq ġbinu mgermed u harġulu gelgul demm. F'għamża t'għajn it-tfal tan-naħa l-oħra Alia m'għamil-demm u l-oħrajn daru malajr mal-midrub min iwaħħal li l-ġebla tehom u l-oħrajn daru malajr mal-midrub min iwaħħal li l-ġebla tefagħha wieħed u min iwaħħal f'ieħor. F'gallerija tal-ħadid mimlija ħwejjeġ imdennsa minxura feġġet omm il-Qajżu tistaqsih xi ġralu b'ħanġra li ma bħalha. "Ħaqqek, ja kelb, aħjar għalik, ħaqqek" u qabel temmet dal-kelmiet ġriet isfel.

Malli niżlet l-omm, it-tifel b'rasu miftuħa dabbar daqqtejn ta' ponn fuq dahru minn ommu u din ġriet bih lejn l-isptar. "Int ma tridx tisma', ħu mela", u sħabu kollha l-ħin kollu sejrin magħha jfissrulha u jħarrfulha kif ġrat dil-biċċa. Tfal tgħidx kemm inġabru sakemm waslu l-isptar, kollha jistaqsu x'ġara u min, għad li l-pulizija żammhom kemm sata'; imma ma' fejn ilaħħaq, meta t-tfal bilkemm ma tħajrux iwaqqgħuh għaċ-ċajt għax ried iżommhom biex jaqdi dmiru.

Dawn l-erbat itfal li kienu jiġġieldu, u li issa kienu sejrin ma' omm il-Qajżu, kienu kollha joqogħdu f'kerrejja waħda u ommijiethom lil dawn wild il-bniedem ma swewlhomx ħlief biex nissluhom, wilduhom u xeħtuhom fid-dinja bħala tagħbija fuq l-umanità ġa mifnija bil-faqar. Jekk għandhomx ruħ u jekk hemm Alla qatt biss ma għaddielhom minn moħħom u mhix ħaġa kbira jekk ommijiethom kenux jiftakruhom kieku ma kienx li kellhom jitgħallmuhom sakemm igħiduhom 'il-kappillan biex iżewwiġhom. L-iskola ma kitbuhomx, għalhekk ma swewx taħbit lis-surmast fil-klassi. It-tfal iżda, minn rajhom kienu jmorru jixxabbtu mat-twieqi ta' l-iskola biex jissuttaw u jinbxu lit-tfal tal-klassi. Meta ġie li kienu jiġu jiftaħru u jiddieħku b'kif kellhom il-ħila jwaqqgħu għaċ-ċajt lil xi ħadd jew kif ħaqru xi xiħ li kien jittallab, ommijiethom kienu jindiehxu bid-daħk. Glied, daħk, għajat, ċaċċrar, dagħa u għagħa kienu jsaltnu fl-aqwa tagħhom f'dit-triq fejn il-Qajżu darbuh fuq ġbinu.



Kif waslu l-isptar l-omm daħlet b'binha tgħajjat trid it-tabib. Xi ħadd sikkitha u hi minnufih ħemdet għal ftit. Daħħluhom f'sala fejn wara li naddfulu l-qasma li kellu dewwewhielu u bagħtuh 'il barra.

Sakemm waslu lura f'darhom l-omm tkarkar u ċċejjaq il-ħin kollu, għaddew mat-tliet kwarti, għax daqqa tieqaf tpaċpaċ ma' waħda u daqqa tredden fejn oħra. Waslet id-dar u nsiet li t-tifel ma kienx għadu magħha. Jewwilla mar id-dar qabilha? X'aktarx! Il-Qajżu sakemm ommu laħqet id-dar kien ġa bambal daqqtejn sewwa lil wieħed minn dawk li kien qed jiġġieled magħhom qabel u neffaħlu għajnejh, u hu qala' daqqa oħra fuq geddumu u għal ftit ma tajrulux sinna minn ta' quddiem. Did-darba ma marx jgħajjat u anqas ġera lejn id-dar wara l-glieda, ibda biex hu kien minn fuq u t-tieni mhux hu beda issa!

Omm it-tifel li qala' x-xebgħa bdiet tiġri u tgħajjat lejn il-kerrejja fejn joqgħod il-Qajżu biex tugżah 'l ommu, u hawn faqqgħet glieda tan-nisa. Omm il-Qajżu ftit li xejn fehmet x'kien ġara billi kienet għadha kemm waslet mill-isptar b'binha. Imma glieda mhux ta' min iħalliha sejra u jitlifha kif ġieb u laħaq; hekk jaħsbuha omm il-Qajżu u oħrajn.

It-tagħjir, kliem faħxi u theddid li bdew igħidu 'l xulxin, waħda minn nofs it-triq u l-oħra mill-gallerija, ħwejjeġ li ma jitwemmnux. Ma baqax persuna fil-familja li ma ssemmietx bin-nuqqasijiet tagħha u n-nies u t-tfal li laħqu nġemgħu sa dal-ħin bdew iwaqqgħuhom għaċ-ċajt. Damu nofs siegħa jitmasħnu, jitbaqbqu, ixejru idejhom u jwerżqu, hekk li wiċċhom tbegħren u xuxthom tħabblitilhom aktar milli kienet. Fis-saħna li kienu ferrgħu kulma kellhom mistur u midfun f'qalbhom. Fl-eqqel tal-glieda, xi ħadd fost il-miġemgħa għajjat moħbi biex jiddieħek: "Ġej il-puluzija", u omm Wenzu li kien qala' xebgħa ħarbet tiġri għax beżgħet li jħarrikha u jkollha titla' l-Qorti u jwaħħalha xi nofs lira. Meta raw hekk it-tfal wasslu 'l omm Wenzu d-dar fost it-twerżiq, tisfir u tfaqqigħ ta' daħk.